**16.8.1934.** Skond l-Ittri Patenti dwar il-Kostituzzjoni ta' Malta (Emendi) il-Malti sar l-Ilsien uffiċjali tal-Qrati; b'hekk l-ilsna uffiċjali saru tlieta, jiġifieri l-Ingliż, it-Taljan u l-Malti.
Il-Malti beda issa jkun mgħallem fl-Iskejjel tal-Gvern fuq is-sistema tal-grammatka tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti; l-ewwel għalliema kienu: Gejtu Cauchi, Salvu Gatt, Godfrey Zarb Adami; wara xi żmien daħal Victor Apap u ftit wara Ġużè Chetcuti. Ninu Cremona, Gejtu Cauchi u Godfrey Zarb Adami kienu jgħallmu l-Liceo fil-waqt li Salvu Gatt u Victor Apap fl-Iskola Sekondarja tal-Bniet.
L-Iskrivani tas-Servizz Ċivili kienu obligati jattendu lezzjonijiet dwar il-kitba til-Malti; surmastrijiet: E.B. Vella, Gejtu Cauchi u Godfrey Zarb Adami. Il-Malti daħal bħala suġġett obbligatorju fil-Kuleġġi tal-Għalliema; surmastrijiet: Gejtu Cauchi u Godfrey Zarb Adami.

**12.8.1936.** Ittri Patenti taw is-setgħa lill-Gvernatur ta' Malta li jillegisla permezz ta' ordinanzi. B'Ordinanza tal-Gvernatur l-ilsna Ingliż u Malti saru dawk uffiċjali ta' Malta, jiġifieri l-Ingliż sar l-ilsien tal-amministrazzjoni u l-Malti l-ilsien tal-Qrati.

**1937.** Sejħa mit-Tabib Ġużè Bonnici biex min irid jissieħeb ħalli tibda toħroġ "Gabra ta' Kitba Maltija".

**5.7.1938.** Sir Harry Luke, Logutenent Gvernatur laqa' t-talba li l-isem tal-Membri tal-Kunsill jibda jidher fil-Gażżetta tal-Gvern.

**1938.** Is-Sur Ġużè Chetcuti nħatar Segretarju Onorarju tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti flok is-sur Saver Caruana.

**12.2.1939.** Laqgħa Akkademika bil-ħsieb li l-Imseħbin jitaqgħu u jitkellmu dwar il-Letteratura Maltija.

**Marzu, 1939.** Twaqqfet ix-"Xirka għat-Tixrid tal-Ilsien Malti "bil-għan li jixxerred il-Malti bħala lsien letterarju u li jitħarsu jeddijietu".

**26.10.1940.** L-Għaqda kitbet lill-Gvern biex titlob li l-Malti jkun imdaħħal fl-ismijiet kollha tat-triqat ta' Malta u Għawdex.

**6.12.1940.** L-Għaqda kitbet lill-Gvern biex tfisser ix-xewqa tagħha li t-tagħlim tal-Malti jidħol fil-klassijiet kollha tal-Liceo u ta' l-Iskola Sekondarja tal-Bniet — billi dak it-tagħlim kien jibda mir-raba' klassi.

**22.12.1940.** L-Għaqda għamlet Laqgħa Akkademika.

**1940.** L-Avukat Ġużè Aquilina laħaq Professur tal-Malti u l-Ilsna Orjentali fl-Università ta' Malta. Hu kien it-tieni Professur li kellu dik il- kattedra, wara Mikiel Anton Vassalli, li kien laħaq Professur fl-1825.

**1940.** Il-professur Aquilina kien maħtur President tal-Għaqda tal-Malti (UNIV.) flok il-Professur P.P. Saydon.



**1940.** L-Għaqda ħatret Kummissjoni sabiex tara x'tibdil jista' u kellu jsir fl-Istatut.

**18.5.1941.** Laqgħa Ġenerali. Korrispondenza dwar il-post ta' Traduttur Anzjan mal-Gvern.

**1941.** IL-MALTI ta' Diċembru ħareġ bħala Għadd Speċjali biex ifakkar għeluq is-70 sena ta' Dun Karm.

**1942.** Ħatra ta' Kumitat ġdid — Patrun: San Luqa, Evanġelista.

**1942.** Twaqqfet l-Għaqda tal-Malti (Dockyard).

**1942.** Bdiet jingħata mill-Gvern sussidju ta' £10 fis-sena.

**1942.** Ir-Re Ġorġ VI ta l-**GEORGE CROSS** lil Malta. Il-P.E.N. Club fakkar il-kittieba Maltin.

**1943.** Twaqqaf il-Kunsill Ċentrali taħt il-Presidenza tal-President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.

**1943.** Intbagħat lill-Gvern Memorandum dwar it-Terminoloġija Legali.

**1943.** Tnieda Konkors ta' Poezija.

**1943.** Saret talba għal rappresentanza fl-Assemblea Nazzjonali.

* * *

## Għajnejk se jimxu miegħi

**Oliver Friggieri**

Għajnejk iwasslu 'l ħinn mix-xtajta sewda
u draw il-qerq tal-mewġ u d-dagħa tar-rwiefen.
Għajnejk ma jorqdu qatt u jafu kollox
għax baħħru u ħelsu miegħi f'kull nawfraġju,
u jgħassu lejl u nhar sa tiġi s-siegħa
biex jekk jien nongħos, huma jibqgħu jishru
u ma nitlifx il-ħin qabel ma nitlaq.
Qasira tkun is-siegħa li jkun fadal,
u għajnejk se jimxu miegħi sa ma nqatta'
l-aħħar ftit paġni ta' dal-kalendarju.